# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 9 ta’ Jannar, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 25/99 PS**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta’ estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation p.l.c. ta’ Perth, Scotland, u din kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurati taghha Anthony u Mary Anne Degabriele**

**vs**

**Doris Zammit**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-intimata Doris Zammit kontra sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar moghtija fit-22 ta’ Mejju, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

**"It-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (LM145.00,0) ammont dovut ghal danni kagunati fil-proprjeta' ta' l-assikurati tas-socjeta' attrici nomine meta dahal hafna ilma fil-25 ta' Jannar, 1998, liema hsarat huma imputabbli lill-konvenuta;

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

(a) Fl-ewwel lok, l-intempestivita' ta' l-azzjoni attrici;

(b) Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nullita' ta' l-azzjoni attrici stante li l-Avviz tat-Talba ma jappuntax data ta' smiegh;

(c) Fit-tielet lok, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija irrita u ghalhekk nulla u bla effett stante li ma tidentifikax il-lok/post fejn sehhet l-allegata hsara;

(d) Fil-mertu, u wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, qieghda tigi ribattuta bhala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni u l-konsegwenti talba attrici. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' April, 1999, fejn il-konvenuta iddikjarat li kienet qieghda taghti ruhha b'notifikata bl-Avviz ghas-Smiegh tal-kawza, u ghalhekk tirrinunzja ghat-tieni eccezzjoni minnha sollevata dwar in-nullita' tal-procedura, u zzomm fermi l-eccezzjonijiet l-ohra;

Sema' bil-gurament lill-assikurati tas-socjeta' attrici, lill-konvenuta u x-xhieda taghha u wkoll lix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici assikuratrici; ezamina d-dokumenti esebiti u l-provi kollha prodotti, u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula mid-difensuri tal-partijiet;

Jikkunsidra:

1. Jirrizulta li l-konjugi Degabriele, assikurati mas-socjeta' attrici nomine, joqoghdu fil-fond 217, Villambrosa Street, Hamrun, li huwa sottostanti l-fond tal-konvenuta numru 215 fl-istess triq.

2. Fil-bidu tas-sena 1998, il-konjugi Degabriele ilmentaw li kien dahal xi ilma mill-fond ta' fuqhom, cioe' minn dak tal-konvenuta, u kkagunalhom danni fis-saqaf tal-kcina u tal-

kamra tas-sodda tal-fond taghhom. Iz-zewg partijiet qabbdu periti biex jikkonstataw il-hsara u l-kawzi li kkontibwew ghaliha, u l-istess periti ghamlu rapporti li kopji taghhom gew esebiti fil-process.

3. M'hemmx dubju li l-hsara lamentata fil-proprjeta' ta' l-assikurati tas-socjeta' attrici giet kagunata minn ilma jew materjal iehor likwidu li dahal fis-saqaf ta' din il-proprjeta' mill-fond superjuri, cioe' minn dak tal-konvenuta. Dan jirrizulta anke mir-rapporti tal-periti teknici, fosthom il-perit Anthony Cassar inkarigat mill-istess konvenuta.

4. Jirrizulta li, malli giet konstatata l-hsara u l-fatt li din kienet giet kagunata mill-proprjeta' tal-konvenuta, din riedet tirrimedja ghaliha billi taghmel tiswijiet fil-fond taghha soprastanti ghal dak ta' l-assikurati tas-socjeta' attrici. Dawn ix-xogholijiet ta' tiswija kienu jinkludu li titbiddel il-komunikazzjoni tad-*drains* li mill-kcina tal-konvenuta jaghtu ghal barra gol-bitha ta' bejn iz-zewg fondi. Biex setghu jsiru dawn ix-xogholijiet, kien jinhtieg li l-haddiema mqabbda mill-konvenuta jkollhom access minn fuq il-bejt ta' kamra li l-konjugi Degabriele, l-assikurati tas-socjeta' attrici u proprjetarji tal-fond sottostanti, bnew fl-istess bitha. **Dan l-access minn fuq din il-kamra biex isiru x-xogholijiet il-konjugi Degabriele rrifjutaw ripetutament li jikkonceduh lill-istess haddiema tal-konvenuta**.

5. Kif diga' gie rilevat, m'hemmx dubju li l-hsara fil-fond ta' l-assikurati tas-socjeta' attrici grat minhabba li kien hemm bzonn li jsiru xi tiswijiet mill fond soprastanti, proprjeta' tal-konvenuta. Dan gie konfermat mill-istess perit tal-konvenuta. Is-socjeta' attrici assikuratrici inkarigat lill-A.I.C. Alfred Grech biex jispezzjona l-fond fejn saru l-hsarat u jivvalutahom, u irrilaxxja rapport bis-segwenti stima, li gie minnu kkonfermat bil-gurament (rapport datat 28 ta' Frar, 1998):

***Estimates of remedial costs:***

| | |
|---|---|
| 1. *Scrape ceiling in kitchen and make good to paint* | LM 30.00,0 |
| 2. *Scrape ceiling and walls to spare bedroom and make good to paint to ceiling and walls* | 85.00,0 |
| *Total* | LM 115.00,0 |

Din l-istima, pero' giet riveduta mill-istess socjeta' attrici li, b'ittra tal-11 ta' Settembru, 1998, kitbet hekk, *inter alia*, lill-assikurat taghha:

*We refer to your claim in connection with the above.*

*Kindly note that we are prepared to offer a cash settlement of LM145.00 in full and final settlement. This amount has been arrived at as follows:*

| | |
|---|---|
| *Plaster expenses* | LM 40.00,0 |
| *Replacement of soffit* | 105.00,0 |
| | LM145.00,0 |

Effettivament, dan l-ammont ta' LM145.00 gie accettat mill-assikurat u mhallas lilu mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Settembru, 1998.

6. L-unika kwistjoni li baqa' biex tigi kkunsidrata hija dwar ir-rifjut min-naha tal-konjugi Degabriele li jippermettu lill-haddiema tal-konvenuta li jkollhom access minn fuq il-bejt tal-kamra li l-istess konjugi Degabriele kienu bnew fil-bitha, biex setghu jsiru t-tiswijiet fil-komunikazzjoni tad-*drains* tal-fond superjuri (tal-konvenuta) biex ma jibqax jidhol aktar ilma fil-fond sottostanti. Il-Perit Cassar xehed li dan l-access kien neccessarju.

Pero' din il-kwistjoni hija rilevanti fir-rigward ta' l-akkollament ta' l-ispejjez gjudizzjarji. Jidher li r-rifjut imsemmi kien effett ta' relazzjonijiet hziena li kienu jezistu bejn iz-zewg familji girien. Kieku kien jirrenja *buonvicinaoa* bejniethom, aktarx li l-kwistjonijiet ta' bejniethom fir-rigward tad-danni lamentati mill-konjugi Degabriele kienu jigu rizoluti f'inqas zmien u b'inqas spejjez. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li, fil-waqt li t-talba attrici qieghda tigi akkolta billi giet sodisfacentement provata, minhabba fl-imsemmi rifjut ghal access il-konvenuta ma tkunx tenuta li thallas l-ispejjez ta' din l-istanza inkorsi mis-socjeta' attrici nomine.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi:

1. Jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-Avviz ghall-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (LM145.00,0) dovuta mill-konvenuta in linea tad-danni, kif fuq spjegat; u konsegwentement,

2. Jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici, fil-kwalitajiet taghha premessi, is-somma msemmija ta’ LM145.00,0 dovuta ghar-ragunijiet premessi.

Fic-cirkustanzi tal-kaz, kif diga’ gie spjegat, ikun gust u ekwu li l-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu minghajr taxxa”.

Minn dik is-sentenza appellat, kif inghad, l-intimata Doris Zammit permezz ta’ rikors ta’ l-appell ipprezentat fid-9 ta’ Gunju, 2000, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza minnha appellata u tiddeciedi minflok billi tichad it-talbiet tas-socjeta’ appellata nomine, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati.

Giet prezentata risposta ta’ l-appell mill-attur appellat fit-22 ta’ Gunju, 2000, u fiha hemm ragunijiet in sostenn tat-talba tieghu ghar-rigett ta’ l-appell bl-ispejjez.

1. L-ewwel sottomissjoni principali ta’ l-appellanti hija fis-sens illi filwaqt li huwa pacifiku li gew kagonati xi danni fil-propjeta' ta' l-assikurati, u cioe’ fil-fond nru. 217, Villambrosa Street, Hamrun, ma tressqet imqar prova wahda illi l-estrimita’ tad-danni sofferti kienu kagunati minhabba incident uniku li sehh precizament fil-25 ta’ Jannar, 2000, jew imqar fil-vicinanzi ta’ dik id-data kif allegat fl-avviz promotorju ta’ din l-azzjoni.

2. L-appellanti wkoll taghmel riferenza ghal diversi fatti u argumentazzjonijiet in sostenn tat-tezi taghha li hemm provi bizzejjed fil-process li l-allegati danni sofferti sehhew zmien qabel dak indikat fl-imsemmi avviz, u li l-assikurati kienu mhux biss konsapevoli imma primarjament responsabbli ghall-entita' tad-danni mertu ta' l-appell odjern wara li ghal snin minhabba l-agir u l-inagir irresponsabbli, traskurat u negligenti, irrifjutaw lill-konvenuta mill-access rikjest sabiex taghmel ir-riparazzjonijiet mehtiega. Dan bl-aktar mod car u inekwivoku u inoltre meta, kif indikat l-ewwel Qorti, setghu facilment evitaw kull dannu fil-proprjeta' taghhom.

3. Illi di piu', id-danni sofferti fil-fond proprjeta' ta' Degabriele mertu ta' dan l-appell, kienu mhux biss previsti izda anke evitabbli. Infatti ghandu jigi rilevat li konsegwentement anqas il-polza ta' assikurazzjoni, abbazi ta' liema sar il-hlas in kwistjoni, ma kienet tapplika fil-kaz odjern. Dana stante illi kif gie indikat mis-socjeta' appellata fl-ittra taghha tas-16 ta' Settembru, 1998: "please note that your insurance policy does not operate when incidents are clearly foreseen".

4. Fil-fehma ta' l-appellanti, ghalhekk, hija ma tistax tinzamm responsabbli ghall-hlas ta' danni sofferti unikament minhabba inadempjenza da parti tal-konjugi Degabriele li setghu facilment evitawhom u lanqas ma ghandha tinzamm responsabbli ghall-hlas lura

lid-ditta assikuratrici. Dana anke in vista tal-fatt li t-talba ghall-hlas qeghda ssir minghajr ebda gustifikazzjoni skondi l-ligi, stante li s-socjeta' appellata giet surrogata fi drittijiet inezistenti.

In realta', din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali kollha li m'humiex hafna, u dana fl-isfond ta' dak li jidher mid-decizjoni appellata li kkonsidra t-Tribunal biex wasal ghall-konkluzzjoni li jilqa' t-talbiet attrici. Ikkonsidrat ukoll din il-Qorti dak li hemm previst fil-ligi li tirregola x-xoghol tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u senjatament illi l-bazi li fuqha ghandu jimxi l-istess Tribunal huwa dak ta' l-imparzjalita' u l-ekwita' u s'intendi l-ligi.

Kollox ma' kollox din il-Qorti jidhrilha li s-sottomissjonijiet in verita' huma kollha kwistjonijiet ta' valutazzjoni ta' fatti u jidher mill-ezami li ssemma' li dak kollu li qed jerga' jigi sottomess quddiem din il-Qorti effettivament gie sottomess lit-Tribunal li ta d-decizjoni appellata. In essenza din il-Qorti thossha skomda li tipprova, anke fl-isfond tal-principji li bihom jiddeciedi t-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar, li tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-istess Tribunal li ma jidhirx li b'xi mod tista' tikkwalifika bhala wahda in vjolazzjoni tal-principji ta' l-imparzjalita' u ekwita'. Lanqas ma jidher li hemm xi ligi li giet applikata hazin.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez ta’ din  l-istanza a karigu ta’ l-appellanti.

Dep/Reg

mm